MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 356/2009

**Vincent Curmi bħala amministratur ta' l-eredita tal-Marchese John Scicluna**

**-vs-**

**Glenn Camilleri u Amanda Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta' April 2009 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Peress illi r-rikorrenti jikri lill-intimati, il-fond ħanut nru. 25, Old Treasury Street, Valletta taħt il-kundizzjonijiet kif miftehma bejniethom fl-iskrittura ta' kera datata 23 ta' Diċembru 2005 kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A;

2. U billi skond l-istess skrittura l-kera preżentement dovuta fuq il-fond in kwistjoni hija ta' tlett elef sitt mija u ħamsin lira Maltija, ossia tmient elef ħames mija u żewġ Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€8,502.21) fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem;

3. U billi skond il-klawsola 5 ta' l-istess skrittura jew l-inkwilin konvenut jibqa' moruż fil-ħlas ta' żewġ skadenzi jew ta' ammont ekwivalenti għal żewġ skadenzi fi żmien xahar minn meta jiġi mitlub bil-miktub sabiex iħallas l-ammont dovut, sid il-kera jkollhom id-dritt li jittermina l-kera *ipso jure* u jieħu lura l-pussess tal-fond;

4. U billi l-intimati naqsu li jħallsu l-kera dovut mill-5 ta' Ġunju 2006 sal-lum, u billi skond l-aħħar *statement* mibgħuta lill-intimati (hawn annessa bħala Dokument B) l-istess intimati kienu morużi għal ħdax-il skadenza ammontanti għal tlieta u għoxrin elf, tlett mija wieħed u tmenin Ewro ħames ċenteżmu (€23,381.05), u fil-fatt illum skada skadenza oħra u għalhekk huma morużi fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf, ħames mija u sitt Ewro sittin ċenteżmu (€25,506.60) jew ammont verjuri ieħor;

5. U billi l-intimati baqgħu inadempjenti skond it-termini tal-klawsola 5 ta' l-istess skrittura mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, għalkemm debitament u regolarment interpellati kemm b'ittri u *statements* mibgħuta *ai termini* tal-klawsola 13 ta' l-iskrittura u kif ukoll b'ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Jannar 2009;

6. U billi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:

1. Tipproċedi bis-smiegħ ta' din il-kawza bid-dispensa tas-smiegħ skond il-procedura preskritta fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tikkundanna l-konvenut iħallas lill-atturi l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf ħames mija u sitt Ewro sittin

ċenteżmu (€25,506.60) jew ammont ieħor verjuri bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-pagament dovut sal-ħlas effettiv;

3. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mill-kirja tal-fond fuq imsemmi *stante* l-morożita tiegħu kif spjegat hawn fuq;

4. Tordna konsegwentement l-iżgumbrament ta' l-intimat mill-fond 25, Old Treasury Street, Valletta f'dak it-terminu qasir u perentorju li tipprefissa dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Jannar 2009, tal-mandat ta' qbid u ta' l-atti ġudizzjarji in konnessjoni ma' l-istess;

Bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-pagament dovut sad-data li jsir il-ħlas, b'riserva għad-dritt ta' l-atturi għall-ħlas tad-danni u bl-inġunzjoni ta' l-intimati għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma kienux preżenti għas-seduta tal-lum;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum li permezz tiegħu l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u *ai termini* tar-raba' talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.

L-ispejjeż a kariku tal-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------